MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2009

Numru. 619/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR FABIEN FLERI**
**KONTRA**

**JURGEN CASSAR**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Jurgen Cassar ta’ 25 sena, bin John u Grace nee’ Pulis, mwieled Pieta’ nhar is- 7 ta’ Settembru 1983, residenti fil-fond 41, Shalom, Flat 2, Triq ta’ Gidwet, M’Skala u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 448983(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) nhar id- 29 ta' Gunju 2009, ghal habta ta' bejn 3.00hrs u 3.30hrs gewwa Triq il- Qaliet M'Skala kif ukoll fl-ghassa tal- Pulizija ta' Zabbar, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il- persuni ta' wiehed inkarigat skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmlu jew minhabba li kien jaghmlu dan is- servizz, jew bil- hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l- Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is- servizz;

2) u aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb fuq PC 509 Jurgen Pace, PC 405 Jason Schembri, PC 1335 Duncan Schembri, PC 267 Anthony Cassar, PC 1138 Andre Spiteri u PC 101 Noel Enriquez, li hija vjolenza pubblika, li huma persuni inkarigati skond il- Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghal esekuzzjoni tal- ligi jew ta' ordni moghtija skond il- Ligi mill- awtorita' kompetenti;

3) u aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkommetta serq ta' medja liema serq huwa aggravate bil-hin ghad- dannu ta' persuna jew persuni mhux maghrufa;

4) u aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara f'uniformi tal- Pulizija ta' PC 509 Jurgen Pace u fic- cella tal- ghassa tal- Pulizija ta' Zabbar, liema hsarat huma ta' aktar minn €116.47 ghad- dannu tal- Korp tal- Pulizija ta' Malta u/ jew il- Gvern ta' Malta;

5) u aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi qal kliem oxxen u dagha fil- pubbliku billi offenda lil membri tal- Korp tal- Pulizija;

6) u aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il- paci pubblika b'ghajjat storbju u glied

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat kien tressaq b' arrest sabiex iwiegeb ghal dawn l-imputazzjonijiet meta, fid-29 ta' Gunju 2009, kmieni fil-ghodu, hu kien gie avvicinat minn zewg ufficjali tal-Pulizija u rrifjuta li jaghti xi dettalji tieghu lilhom. L-incident kompla jiskala fejn l-imputat harab minn fuq il-post u sussegwentement rega' inqabad u rrisista l-arrest. Aktar tard dak il-lejl gie mizmum l-Ghassa ta' Haz-Zabbar fic-cella, u l-imputat ghamel hsara fil-bieb tal-hadid tal-istess cella. Ittiehdulu zewg stqarrijiet, li huma esebiti fl-atti, u l-ghada 30 ta' Gunju inbdew dawn il-proceduri. L-incident kollu qam ghax l-imputat ma kkooperax mal-Ufficjali tal-Pulizija meta huma waqfuh dak il-lejl. Li kieku mexa sew maghhom, din il-kawza ma kienx ikun hemm ghalfejn tinbeda. Izda l-imputat ghazel li jkun aggressiv mal-Pulizija u kellha tintuza forza ragonevoli fuqu sabiex hu jigi kkontrollat minnhom. In vista tal-ammissjoni tieghu, ghalhekk, il-Qorti sejra tghaddi biex taghti s-sentenza fil-konfront tieghu u tapplika l-piena skond il-ligi.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 95, 96, 261, 270, 325, 338(dd) u 338(bb) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn ai terminu tal- Artikolu 28 A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.
Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta' mitejn u hamsin ewro €250 lill- Kummissarju tal- Pulizija fi zmien tlitt (3) xhur ai terminu tal- Artikolu 28H tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------